MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 471/2004/1

**Atlas Insurance Limited f' isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha FGL Information Technology Limited**

**vs**

**Air Cargo Logistics Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Ottubru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-31 ta' Awissu tas-sena 2004 li permezz tieghu is-socjeta' attrici proprio et nomine sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma komplessiva ta’ erbat elef u tlieta u erbghin Lira Maltin, (LM4,043.00,0), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, rappresentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta’ attrici u spejjez tas-survey relattiv, liema merkanzija kellha tigi trasporta mis-socjeta’ konvenuta u sussegwentement ikkonsenjata lill-assigurata tas-socjeta’ attrici, liema danni diga thallsu mis-socjeta’ attrici ai termini tal-polza relattiva;

2. Bl-imghax mit-3 ta’ Gunju tas-sena 2004 u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-27 ta’ Settembru tas-sena 2004 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti;

1. Illi l-eccipjenti mhix il-legittima kontradittrici tas-socjeta’ attrici stante li hija ma gietx inkarigata sabiex titrasporta l-merkanzija mertu ta’ din il-kawza u fil-fatt hija ma ttrasportatx tali merkanzija;

2. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti ma tahtix ghad-danni allegatament sofferit mill-attrici;

3. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attrici dejjem jehtiegilha tipprova l-quantum tad-danni allegatament subiti minnha stante li l-istess huma kontestati;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

5. Bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali ta’ l-abbli rapprezentanti tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta’ FGL Information Technology Limited hija socjeta’ assigurata mas-socjeta’ attrici Atlas Insurance Limited;

2. Illi fil-kaz in dizamina l-imsemmija socjeta’ FGL Information Technology Limited importat kwantita’ ta’ “computers” tramite s-servizzi tas-socjeta’ konvenuta;

3. Illi dawn iz-zewg socjetajiet indikati fil-paragrafu precedenti jirrizulta li kienu ilhom jahdmu flimkien ghal erba’ snin;

4. Illi hu allegat mis-socjeta’ importatrici li s-socjeta’ konvenuta titqabbad iggib dik il-merkanzija f’Malta;

5. Illi biex isir dan is-socjeta’ konvenuta “ovvjament iqabbdu lill-agenti taghhom l-Ingilterra, l-agent li jkunu qabbdu jmur il-fabbrika jiehu konsenja tax-xoghol li nkunu ordnajna ahna, inizzlu d-“depot” tas-socjeta’ konvenuta fl-Ingilterra stess u min hemm hekk jigu esportati lejn Malta. Ahna nigbruhom meta tkun kompluta d-“delivery” maghmula mill-istess socjeta’ fil-“warehouse” taghna stess”, (ara fol 23);

6. Illi fil-kaz in dizamina, ghalkemm il-procedura tal-garr tal-merkanzija kienet l-istess kif indikat fil-paragrafu precedenti il-merkanzija ordnata, senjatament dik ta’ “Sony Notebook computers” u ghoxrin (20) loghba tal-“computers” ma waslux Malta u rrizulta li l-istess merkanzija addirittura “ … kienu sparixxew fl-Ingilterra qabel ma gew Malta”, (ara fol 10);

7. Illi wara d-debitu rapport tan-nuqqas, sar is-“survey” dovut, gew ivverifikati l-allegazzjonijiet tas-

socjeta’ importatrici u konsegwentement is-socjeta’ assikurattici ghamlet tajjeb ghal din il-konsenja mitlufa;

8. Illi l-istess socjeta’ attrici giet debitament surrogata fid-drittijiet tas-socjeta’ importatrici, u stante li s-socjeta’ konvenuta ghadha m’ghamlitx tajjeb ghad-danni minnha kkagunati, kellha tirrikorri ghal din il-procedura;

9. Illi jirrizulta li l-istruzzjonijiet li s-socjeta’ konvenuta kellha fir-relazzjoni kummercjali taghha mas-socjeta’ importatrici f’dawn il-kazijiet kienu li “ … jgibu l-prodotti li ahna nkunu qed nimportaw u huma jaraw kif iridu jaghmlu biex dan ikunu jistghu jaghmluh billi anke jmorru fil-fabbrika biex jigbru l-istess merkanzija”. (ara fol 24);

10. Illi in vista ta’ dan l-arrangament il-pagament mis-socjeta’ importatrici ghall-konsenja wara l-importazzjoni tal-merkanzija kien isir lis-socjeta’ konvenuta, (ara fol 24), stante li r-relazzjoni guridika ghal dan hi limitata ghall-imsemmija partijiet, ghalkemm l-ordni tal-merkanzija ssir mal-fornitur;

10. Illi jirrizulta wkoll li anke l-istess fornitur jinforma lis-socjeta’ konvenuta li l-merkanzija minnha ppreparata tkun lesta biex tingarr lejn Malta;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta’ konvenuta qed tirribadixxi l-estraneita’ taghha ghall-akkadut billi ssostni li ma kienet taf xejn b’dan l-ordni ta’ importazzjoni qabel ma giet infurmata mis-socjeta’ trasportatrici Ingliza bl-akkadut;

Illi din l-estraneita’ tas-socjeta’ konvenuta hi wkoll konfermata mir-rapprezentant Ingliz tas-socjeta’ HG Rent Limited li hi s-socjeta’ li kienet taffettwa t-trasport tal-merkanzija ordnata fl-Ingilterra, bhal ma gara fil-kaz odjern;

Illi effettivament dan ir-rapprezentant jghid:

“The defendant company had no role at all during all these proceedings. The first time that defendant’s company knew of this problem at all was when I phoned a representative of the defendant’s company and asked them if they could inform FGL of their problem that their items had gone missing”, (ara fol 33);

Illi jirrizulta wkoll li bejn is-socjeta’ importatrici u s-socjeta’ konvenuta ma jirrizulta ebda offerta u accettazzjoni konsegwenti ghall-inkarigu ta’ garr ta’ merkanzija;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-kuntratt ta’ garr ta’ merkanzija allegat mis-socjeta’ importatrici ma jirrizultax u lanqas gie b’xi mod allegat mill-istess socjeta’ importatrici;

2. Illi kull ma gie sottolineat kien li s-sitwazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda fiducjarja u ghalhekk s-socjeta’ importatrici zzomm lis-socjeta’ konvenuta awtomatikament responsabbli;

3. Illi fil-fatt jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta hi ghal kollox estranea ghall-kuntratt ta’ garr ta’ merkanzija in dizamina stante li r-relazzjoni guridika li tirrizulta hi biss bejn is-socjeta’ Maltija li ordnat ix-xoghol, is-socjeta’ fornitrici li kellha tissuplixxi x-xoghol, u s-socjeta’ HG Rent Limited li kellha titrasportah;

4. Illi s-socjeta’ konvenuta jirrizulta li tibda tiffigura biss wara l-eghjbien tal-merkanzija ordnata stante li kemm is-socjeta’ importatrici kif ukoll is-socjeta’ trasportatrici Ingliza kellha kuntatti ta’ fiducja mas-socjeta’ konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li s-socjeta’ konvenuta hi ghal kollox estranea ghall-akkadut u ghar-relazzjoni

guridika bejn is-socjeta' importatrici u dik Ingliza li trasportat l-istess merkanzija fl-Ingilterra qabel sparixxiet;

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghal xi haga fejn hi kienet totalment estranea peress li f'dan il-kaz partikolari ma jirrizultax li kienet giet inkarigata titrasporta l-merkanzija de quo;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tiddikjara li konsegwenza ta' l-istess tiddesisti milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra minnha sollevati u konsegwentement tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez."

L-aggravju tas-socjeta` attrici fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza huwa li l-ewwel Qorti kkonkludiet hazin meta akkoljiet l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li ma hijiex il-legittimu kontradittur.  Ghas-socjeta` appellanti l-provi jiddemostraw li kienet tezisti relazzjoni guridika bejn l-assigurat taghha u s-socjeta` konvenuta.  Essenzjalment, hi tirpoza din il-fehma taghha fuq ix-xhieda ta' Patrick Anastasi, Managing Director, tas-socjeta` konvenuta, dik ta' Etienne Borg Cardona, direttur tas-socjeta` FGL Information Technology Limited, assigurata taghha, u fuq il-fatt illi l-fatturi kollha nhargu mis-socjeta` konvenuta, il-hlasijiet kienu jsiru lil din, u kienet ukoll is-socjeta` konvenuta li nformat lis-socjeta` assigurata bit-telf jew it-trafugament fil-kors tat-trasport fl-Ingilterra tal-partita ordnata minn dak il-pajjiz;

Qabel stharrig tal-provi tajjeb li qabel xejn tigi affrontata *di diritto* l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` appellata, fis-sens li ma hijiex il-legittima kontradittrici tas-socjeta` appellanti.  Koncettwalment, din l-eccezzjoni tippresupponi difett ta' legittimazzjoni processwali. Permezz taghha s-socjeta` appellata qeghda tissottometti li ma hijiex il-litiskonsorju idoneu di fronte ghat-talba attrici. Il-prova ta' l-allegata inezistenza ta' dan ir-rapport organiku necessarjament tinkombi fuq is-socjeta` appellata in kwantu hi din li eccepitha.  Hi kellha taccerta

u tipprova ghall-konvinciment tal-Qorti li ma kellha ebda rabta mal-"*causa petendi*" ta' l-avviz fil-konfront taghha. Dan hu bil-wisq logiku gjaladarba hi proprju s-socjeta` appellata li qeghda tikkontendi li hi ma ghandha, u qatt ma kellha, ebda kollegament mas-suggett meritu tal-kawza u, allura wkoll, mar-rizultat li s-socjeta` appellanti tispetta li tottjeni bil-provvediment ta' kundanna minnha proposta;

Premessa din il-preliminari, fuq ir-ri-ezami u valutazzjoni taghha tal-provi, u wara li ghamlet ir-riflessjonijiet debiti, din il-Qorti tista' tghid mill-ewwel illi ma ssibx raguni sufficjenti biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni tal-Qorti Inferjuri. Tista' zzid ukoll illi l-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta` konvenuta rnexxielha taghmel il-prova necessarja in sostenn ta' l-eccezzjoni taghha;

Ir-ragonament wara dan il-hsieb tal-Qorti hu ahjar illustrat u sostenut mill-kunsiderazzjonijiet segwenti:-

(1) B' mod generali, ir-rizultanzi istruttorji juru li s-socjeta` FGL kellha relazzjonijiet negozjali kemm mas-socjeta` appellata kif ukoll mas-socjeta` estera Ingliza HG Rent Company Ltd li topera bhala "*freight forwarder*". Sostanzjalment, minn dak trapelat mix-xhieda, din ir-relazzjoni maz-zewg kumpaniji kienet, fuq firxa ta' erba' snin, kemm diretta kif ukoll indiretta, skond il-kaz specifiku li l-qaghda negozjali kienet tiddetta. Dan huwa ikkonfermat, mod jew iehor, mir-rapprezentanti li xehdu tat-tliet socjetajiet. Tinsorgi l-mistoqsija dwar ix-xorta ta' rapport fil-kaz tal-konsenja partikulari in disamina;

2. Ir-risposta ghal dan il-kwezit hi mid-diversi xhieda suggerita b' dan il-mod. Ghal Etienne Borg Cardona (fol. 23) ir-relazzjoni tas-socjeta` FGL hi mas-socjeta` konvenuta biss. B' danakollu, hu ma jeskludix li f' dan il-kaz partikulari s-socjeta` konvenuta kienet injara mill-konsenja ordnata. Ix-xhieda l-ohra Patrick Anastasi ghas-socjeta` konvenuta (fol. 29) u Ian Monk ghall-kumpanija estera H G Rent (fol. 32) huma aktar kategorici. Ta' l-ewwel jghid li hu sar jaf l-ewwel darba

biha meta cempillu Ian Monk biex hu jinforma lil FGL li l-konsenja ma kienetx instabet. Ta’ l-ahhar jistqarr li kienet is-socjeta` fornitrici Scan Computers li cemplitlu biex hu jiehu hsieb jigbor u jitrasporta l-partita *de qua*;

(3) Is-socjeta` appellanti tishaq bosta fuq it-terminu “agent” espressa mix-xhud Patrick Anastasi. Dan s’ intendi taghmlu kien turi l-assocjazzjoni li tezisti bejn is-socjeta` konvenuta u dik estera u, allura wkoll, li dawn is-socjetajiet kellhom rapport strett ta’ agenzija fir-rigward tal-garr tal-merce destinat ghaliha. Issa apparti li tali rapport hu diskonoxxut mix-xhud Ian Monk fejn jghid li “*my company is not an agent for Air Cargo Logistics Limited*” (fol. 33), l-uzu tal-kelma “agent” mill-imsemmi Patrick Anastasi ma tfisserx necessarjament dak li ssostni s-socjeta` appellanti. Dik id-desinjazzjoni kienet tkun approprijata kieku ghan-negozju partikulari s-socjeta` appellanti rnexxielha tiddemostra li s-socjeta` estera kienet tassew il-mandatarja tas-socjeta` konvenuta appellata. Wiehed dejjem ma ghandux jinsa li min jallega l-ezistenza tal-mandat ghandu fuqu l-oneru li jipprovah (ara **Kollez. Vol. XL P II p 739**);

(4) Anqas ma hi prova fiha nfisha ta’ agenzjija generali l-fatt li s-socjeta` konvenuta ghandha l-inkarigu mis-socjeta` estera li tigbor f’ isimha l-hlasijiet tal-“*freight*” jew li tirrilaxxja fatturi f’ isimha nkorporanti anke dan in-nol. Huwa spjegat mix-xhud Ian Monk illi dan hu hekk necessitat “*because this is the way we collect money from foreign customers, otherwise there is no way of holding the goods unless you had been paid*”. Din il-Qorti ma ssib xejn anormali f’ dan jew barra mill-ordinarju ta’ kif fid-dinja zvarjata tal-kummerc tigi gestita din l-affari;

(5) Imbaghad, din il-Qorti ssib li hi spjegazzjoni plawsibbli l-involviment tas-socjeta` appellata biex ghan-nom tas-socjeta` trasportatrici barranija tghaddi lil FGL l-informazzjoni li l-konsenja intilfet jew giet derubata. Is-socjeta` appellanti ssostni li din l-ispjegazzjoni hi biss skuzanti u ma ghandhiex ghalhekk titwemmen. Din il-Qorti pero` ma tarax li l-ispjegazzjoni ghandha tigi eskluza ghax hi spjegazzjoni, kollox ma’ kollox, possibbli jew

verosimili, specjalment tenut rigward tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

(6) Il-Qorti, ukoll, ma tistax ma tinnotax illi skond ix-xhud Etienne Borg Cardona meta s-socjeta` tieghu tinkariga lis-socjeta` konvenuta biex din iggib il-konsenja minnha komprata “jiena nikkontattja lill-istess socjeta` billi nibghat e-mail” (fol. 24). Ciononostante, ebda dokument bhal dan ma gie imbaghad prodott. Invece fl-atti jinsabu esebiti bosta e-mails ohra (fol. 45 sa fol. 56) li jindikaw skambju dirett ta’ korrispondenza bejn is-socjeta` FGL jew il-fornituri taghha u l-kumpanija trasportatrici Ingliza;

(7) Hemm imbaghad, l-ammissjoni skjetta ta’ Ian Monk li hu u l-kumpanija tieghu huma responsabbli “*for this particular transport*” (fol. 33). Fl-assjem tal-provi din ukoll ghandha l-piz qawwi taghha;

(8) In bazi ghal dak kollu li ntqal hi l-konvinzjoni ta’ din il-Qorti, l-istess bhall-ewwel Qorti qabilha, illi s-socjeta` appellata ma kellhiex x’ taqsam attivament ma’ l-affari tat-trasport in ezami. Fil-verita` mill-provi s-socjeta` appellanti ma tistax ragonevolment tikkongettura ebda rapport bhal dan. Lanqas ma ghandha, del resto, tigbed inferenza ghal kaz partikulari minn kontrattazzjonijiet ohra passati. Jigi ghalhekk li l-ewwel Qorti kienet ghal kollox gusitifikata li tirritjeni li l-provi ghandhom isostnu l-eccezzjoni sollevata u mhux jichduha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell sottomess lilha u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza jibqghu a karigu tas-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------